MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 637/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Edward Bugeja**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm220.95c (mitejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku li jgib in-numru 21696178 (AT3390/84 a/c10018866) liema servizz gie nstallat fil-fond Plot 104, Ta’ Xlejli, Gudja skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------